# Mir-Romantiċiżmu għall-Moviment il-Modern

## *Il-Ħolma Maltija* ta' Frans Sammut

**minn Matthew Theuma B.A. (Hons) Malti**



Bejn biċċa xogħol artistika u l-ħallieq tagħha hemm rabta sfiqa. L-artist ma jsawwarx l-arti f'vakwu mingħajr ebda skop. Jekk wieħed jikkritika b'għaqal pittura ta' Picasso jintebaħ li f'moħħ l-artist hemm wirjiet differenti ġmielhom minn dawk li kapaċi japprezza f'biċċa arti rinaxximentali. Il-figura umana, li issa bdiet tidher imċajpra sfat misruqa mill-valur estetiku tagħha għaliex intrifdet minn ġrajjiet imdemmija li għaddiet minnhom l-umanità matul is-seklu għoxrin.

Iżda l-arti mhix biss dik li tinsab mifruxa fuq it-tila u li tpaxxi il-viżiv. Hemm kwalità ta' arti li flok biż-żebgħa tissawwar bil-kelma. Fil-ġeneri varji tagħha, il-letteratura tinqasam f'għadd ta' movimenti differenti li jingħażlu mal-mixja taż-żminijiet. Meta mqabbla ma' letteratura ta' pajjiżi barranin, dik Maltija tista' titqis bħala waħda żagħżugħa. It-tluq tagħha jinstab immarkat fi tmiem is-seklu dsatax u l-bidu tas-seklu għoxrin fejn l-awturi tefgħu ħarsithom fuq letteratura li kellha tagħti spinta lin-Nazzjon Malti permezz tat-tħaddim ta' l-ilsien vernakulari li għal żmien twil kien meqjus bħala baxx, vulgari u tajjeb biss biex jaqdi l-bżonnijiet tal-popolin.

Issa kien wasal iż-żmien li fih l-awtur Malti jfassal xogħlijiet mogħnija b'dokumentazzjoni storika. F'dan il-kuntest jispikka Ġużè Muscat Azzoppardi li sabiex jibni t-trama ta' xogħlijietu silet personaġġi leġġendarji u ħatarhom bħala eroj li flimkien mal-kotra jiddefendu lil arthom mill-ħajjien. Kien ftit taż-żmien wara li l-ġeneru tar-rumanz letterarju sab l-iżvilupp tiegħu. F'*Inez Farruġ* Anton Manuel Caruana jagħtina rumanz storiku li nistgħu niddefenuh bħala wieħed allegoriku għax juri żewġ 'plots' is-serqa ta' tfajla u l-isfruttament ta' Malta."[1] B'riħet rakkont bħal dan Anton Manuel Caruana jikkritika indirettament is-sitwazzjoni politika u soċjali li nqabdet fiha Malta tal-bidu tas-seklu għoxrin bħala kolonja tal-qawwa Ingliża. Aktar tard, lejn is-snin tletin, faqqgħet il-kwistjoni tal-lingwa fejn il-Malti kellu jitqabad ma' żewġ ilsna kulturalment superjuri biex jikseb pożizzjoni li tixraqlu f'daru stess. Kienu f'dawn iż-żminijiet li dehru rumanzi bħal *Taħt Tliet Saltniet* ta' Ġużè Aquilina fejn f'intervista qal dan li ġej: "daħħalt l-element patrijottiku għax dik il-ħabta kien il-Malti qed jitħabat biex jieħu postu hawn Malta..."[2] Ma' dan l-impenn riformista patrijottiku tispikka wkoll il-vokazzjoni morali, xejriet li joħorġu fiċ-ċar fil-*Promessi Sposi* tal-Manzoni.

L-awturi li ġew wara dawn ma' kellhomx isejsu aktar in-narrattiva tagħhom direttament fuq l-Istorja mgħoddija iżda ħasbu kif jieħdu ritratt tal-ġerħa soċjali ta' madwarhom u jsarrfu kollox f'letteratura. F'dawn iż-żminjiet inħass ukoll l-influwenza tar-rumanz psikoloġiku fix-xogħol ta' Ġużè Ellul Mercer fir-rumanz tiegħu *Leli ta' Ħaż-Żgħir*. Dan ir-rumanz wera bixriet tipiċi ta' letteratura li tippreżenta protagonist imdaħħal fi kriżi eżistenzjali wara li b'differenza min-nies tar-raħal konformist, li trawwwem fih, tgħallem u ġema' għerfu minn kotba barranin. Kellu jkun xogħol soċjo-psikoloġiku bħal dan li beda jaqdi l-irwol ta' vetrina għar-rumanzi li kellhom jiġu wara n-nofs tas-seklu. Il-letteratura ma baqgħetx tiddedika l-importanza

tagħha lill-kotra bħala l-eroj sublimi. Anzi bdiet tieħu l-bixra negattiva li kompliet tisseddaq aktar tard fix-xogħlijiet ta' l-awturi moderni.



II. L-GHANJA

I. TRASKRIZZJONI TAL-GHANJA U TAL-KLIEM TA' QABILHA DWAR MIN KITIBHA

*Aliquantulum exhilaratus memorans cantilenam diu compositam quondam mei maioris Petri de Caxaro philosophi poete et oratoris cui aliquando dictum fuit confla precor calamum Caxaro clara propago: te cupiant ninphe te tua musa curavit quam lingua melitea hic subicio.*

*Xideu il cada ye gireni tale nichadithicum*
*Mensab fil gueri uele nisab fo homorcom*
*Calb mehandihe chakim soltan ui le mule*
*Bir imgamic rimitine betiragin mucsule*
*fen hayran al garca nenzel fi tirag minzeli*
*Nitila vy nargia ninzil deyem fil bachar il hali.*

*Huakit hi mirammiti lili zimen nibni*
*Mectatilix mihallimin me chitali tafal morchi*
*fen timayt insib il gebel sib tafal morchi*
*vackit hi mirammiti.*

*Huakit hy mirammiti Nizlit hi li sisen*
*Mectatilix il mihallimin ma kitatili li gebel*
*fen tumayt insib il gebel sib tafal morchi*
*Huakit thi mirammiti lili zimen nibni*
*Huec ucakit hi mirammiti vargia ibnie*
*biddilihe inte il miken illi yeutihe*
*Min ibidill il miken ibidil il vintura*
*halex liradi 'al col xebir sura*
*hemme ard bayda v hemme ard seude et hamyra*
*Hactar min hedaun heme tred minne tamarra.*

Kien f'nofs is-snin sittin li twaqqaf il-Moviment Qawmien Letterarju u fih issieħbu żgħażagħ li riedu jesperimentaw b'dawn il-kontenuti u forom ġodda. Waħda mill-aġendi ewlenin ta' dan il-Moviment kien li l-kitbiet imsawra mill-kittieba membri jolqtu direttament lill-poplu Malti interessat fil-kultura[3] waqt li jaġġornaha bix-xejriet kontemporanji tal-kontinent. Frans Sammut, l-awtur tar-rumanz *Il-Ħolma Maltija*, jagħmel parti minn dan il-moviment letterarju l-ġdid. Fit-taqsima li jmiss se tingħata ħarsa lejn iż-żewġ rumanzi ewlenin tiegħu *Il-Gaġġa* u *Samuraj*, u waqt li jinxteħet dawl fuq xi karatteristiċi letterarji ta' dawn ir-rumanzi, jingħaraf il-qbil li hemm bejn iż-żewġ protagonisti fit-taqbida tagħhom kontra l-kotra.

## Frans Sammut – Il-Protagonista Jitlewwem mal-Kotra

Wara l-ktib tan-novella *Labirint* Frans Sammut żagħżugħ ta' dsatax-il sena kellu jagħti kontribut importanti ħafna f'Istorja tan-narrattiva Maltija meta ħareġ ir-rumanz psiko-soċjali *Il-Gaġġa* bħala r-rumanz li kellu jisfronda l-qafas magħluq ta' gżira tradizzjonali u biex jipproponi għallinqas l-oġġezzjoni, l-idea li ż-żmien il-ġdid kien qiegħed jitlob riflessjonijiet maturi ġodda."[4] Huwa rumanz li jitratta dwar Malta tas-snin sittin, żmien imqanqal minn tranżizzjonijiet politiċi li mmarkaw ruħhom fl-Istorja ta' Malta. Il-fenomenu tal-mistennija ta' l-Indipendenza u l-effetti tagħha kienu fl-aqwa tagħhom u t-tensjoni laħqet il-quċċata tagħha. Bħala nies intellettwali, il-kittieba moderni setgħu jbassru li bidla bħal din ma kinetx se tintlaqa' kif ġieb u laħaq mill-poplu Malti. L-awtur modern bl-ebda mod ma jmaqdar letteratura tradizzjonali. L-iskop ta' awturi bħal Frans Sammut huwa li f'xogħolhom juru kif bi dritt, il-"letteratura tista', anzi dak huwa dmirha, tikkummenta fuq il-ġrajjiet kollha li jolqtu lill-bniedem, ukoll dawk li jkunu mlewmin, biex ma ngħidux ukoll imsawrin mill-politika."[5] *Il-Gaġġa* huwa rumanz li ismu stess jimplika għeluq, ċokon u klawstrofobija. Dawn il-karatteristiċi mmaljati flimkien jirriflettu l-qagħdiet soċjali li jkiddu lill-protagonist bħala individwu b'kuxjenza mqallba. Il-klajmaks ta' dan ix-xogħol jispikka meta sseħħ il-fatma ta' dan il-protaġonist mill-folla antikulturali.[6]

Għal darb'oħra, fir-rumanz *Samuraj* Sammut jerġa' jagħtina r-relazzjoni mqallba ta' protagonist li jikkritika l-istabbilimenti ewlenin li fuqhom titwieżen is-soċjetà. Bħala strutturi ferm akbar minnu l-protagonista jantiċipa t-telfa tiegħu. Huwa hawnhekk li Frans Sammut, b'ħila kbira jressaq lil dan il-protagonist tipiku lejn il-kultura tas-samuraj, kultura elitista li b'suppervja ssib l-iżvog aħħari tagħha fis-suwiċidju. Il-qtugħ mill-kotra din id-darba huwa

differenti minn kif jiġri f' *Il-Gaġġa*. Il-ħarba li jwettaq Fredu Gambin[7] tissarraf fi dħul f'gaġġa oħra. Il-ħarba ta' Samwel[8] min-naħa l-oħra hija waħda totali u rriversibbli. Ir-razza tas-Samuraj se tieqaf mal-mewt ta' Samwel.

## Xebh bejn il-Protagonisti

Bejn il-protagonisti tar-rumanz *Il-Gaġġa* u *Samuraj* ma jeżistix biss qbil minħabba li x-xogħlijiet huma ħerġin minn taħt idejn l-istess awtur. Bejniethom hemm rabta sfiqa minħabba li qegħdin jirriflettu l-istess ambjent soċjali u kulturali. Għalkemm ir-rumanz psewdo-awtobijografiku *Il-Ħolma Maltija* ħareġ fil-bidu tas-snin disgħin, l-awtur beda jikteb l-istess xogħol ħafna qabel. Dan il-punt itaffi xi ftit mill-qtugħ kronoloġiku li jaf jinħoloq bejn Vassalli (il-protagonist fir-rumanz *Il-Ħolma Maltija*) u l-protagonisti li jinsabu f' *Il-Gaġġa* u f'*Samuraj*. Għalkemm *Il-Ħolma Maltija* jvarja fl-istil mir-rumanzi bikrija ta' Sammut, insibu xejriet komuni bejniethom. F'xogħlijietu l-awtur "irrakkonta sentiment mifrux tul is-sekli, u minn *Il-Gaġġa* sa *Il-Ħolma Maltija* bena kollox madwar tipi ta' protagonisti li huma essenzjalment varjanti ta' prototipu wieħed."[9] Id-differenza li tifridhom minn xulxin toħroġ mill-fatt li Vassalli huwa personaġġ storiku li eżista tabilħaqq fi żmien partikolari. L-idea ewlenija tar-rumanzier ma kinetx li jwasslilna rumanz imsejjes fuq l-anakronija iżda rumanz mibni fuq verità storika biż-żieda ta' l-istħajjil li għaġnet lil Vassalli f'persunaġġ sħiħ. Kien b'dan it-tlaħħim li l-awtobijografija kisbet il-bixra ta' biċċa xogħol mitmuma.

Il-karattru ta' Vassalli jinqata' mill-kotra minn kmieni. Bħala personaġġ partijottiku jitpoġġa f'mumenti ta' għadab u nostalġija minn kif jinbeda l-ġrajja. Sammut jidentifika tajjeb ħafna lil Vassalli bħala dak il-ħassieb li jaħseb fuq l-awtorità antagonista u dik il-parti magħżula ta' Maltin li minkejja li bħalu huma konxji tad-diffikultajiet tal-poplu lesti li jimirħu 'l bogħod minn dan l-għelt mgħaddsin fl-attitudni egoċentrika tagħhom. L-għażla ta' Vassalli bħala l-protagonist ta' Sammut f'dan ir-rumanz post-modern hija magħmula bi ħsieb validu. Mid-dokumentazzjoni storika li għandna fuq Vassalli jidher li hemm xebh sew ma' Fredu kemm ma' Samwel, żewġ protagonisti tipiċi ħerġin mill-istħajjil ta' l-awtur. Fis-snin sebgħin l-awtur kellu b'xi mod jew ieħor joħloq dan it-tip ta' karattru sabiex jesprimi l-kontemporanjetajiet soċjali u politiċi ta' Malta. Meta aktar tard l-awtur għażel lil Vassalli bħala l-protagonista tar-rumanz il-ġdid tiegħu, it-tema tal-wieħed kontra l-ħafna żgur li ma setgħetx titwarrab. Barra d-deskrizzjonijiet fittizja li jagħtina l-awtur, il-qarrej jista' jdur fuq dak li għandna dokumentat b'tali mod li jirfed l-interpretazzjonijiet tiegħu.

Waqt li Vassalli bħala protagonista jixxiebah mal-protagonisti l-oħrajn fil-qtugħ mill-folla[10], insibu punti fejn jinfatam minnhom u mill-mod kif iħarsu lejn l-istess folla. Għalkemm fil-biċċa l-kbira tar-rumanz Vassalli jinsab maqtugħ mill-folla 'l-baxxa' ħsibijietu huma mitfugħin fuqha: "Kien jisgħobbija nsir naf bil-ħsara li ssir lil niesi fejn l-art

*Din is-sena qed nintroduċu serje ta' ritratti b'kummenti aktarx ċajtiera. Peress li dawn ma jkollhomx x'jaqsmu ma' l-artiklu jitpoġġew ġo kaxxa. Nibdew bil-President.*



***Dan jikteb isbaħ minni... jew iħarbex bħali.***

hija qalbha iebsa… Kont inħossni qed indabbar rasi…"[11] Hekk kif Vassalli huwa kburi b'ġieħ il-popolin, Sammut huwa kuntent li fil-mument ta' l-għażla tal-protagonist tiegħu għar-rumanz *Il-Ħolma Maltija* għażel lil Mikiel Anton Vassalli. Huwa minnu kif barra r-raħal Żebbuġi hemm għadd ta' elementi oħra li jressqu lil Sammut qrib dan il-patrijott Malti. Kienet pjuttost aħbar interessanti li Sammut, awtur magħruf bħala wieħed mill-esponenti tal-moviment letterarju modern Malti tas-snin sittin joħroġ b'rumanz imsejjes fuq id-dokumentazzjoni storika. L-għan ewlieni ta' dan ir-rumanz psewdo-bijografiku huwa li jiswa ta' apoloġija *pro vita sua* mill-*punto di vista* ta' l-imgħallem Vassalli li ried jgħaddi lill-ħabib u dixxiplu tiegħu Panzavecchia, segretarju tal-Kunsill ta' l-Università fis-sena għoxrin tas-seklu dsatax. Minħabba din iċ-ċerta intimità li kien hemm wara l-kwinti ta' dan ix-xogħol letterarju, l-awtur ried ifassal b'ċerta professjoni riċetta dwar kif se jirnexxilu jħallat l-Istorja dokumentata flimkien ma' l-immaġinazzjoni li biha ried jimla dak id-dagħbien li bih ix-xogħol finali żgur ma kienx ser jikseb il-valur estetiku li tieħu biċċa xogħol mitmuma u ssiġillata bit-timbru artistiku. Dan l-esperiment irnexxa bis-sħiħ b' *Il-Ħolma Maltija* jiġi meqjus mill-kritiċi bħala "*a masterpiece*".[12] Sammut, fir-rumanz jerġa' jiġbor ħajjet Vassalli mill-Istorja u jmexxih pass pass, b'mod kronoloġiku, matul l-avventuri u t-tabxiet li għadda minnhom. Iżda l-effett proprju mixtieq mill-awtur ma kienx se joħroġ tajjeb kieku r-rumanz kixef biss storja u dati. L-awtur ried jinqeda bl-immaġinazzjoni sabiex jorqom u jimmudella għall-aħjar ix-xogħol finali.

Għal dan kompla għen is-sentiment imqanqal ta' l-istess Sammut lejn Vassalli. L-awtur jistqarr kif "Vassalli huwa raġel Żebbuġi li jien għadni narah sa llum, minkejja t-taqlibiet kollha li seħħew minn żmienu lil hawn, l-aktar f'dawn l-aħħar snin. Fih nilmaħ is-sens ta' rġulija imqar jekk trid issejħilha "*cavalleria rusticana*" li għadek issib sa llum f'Ħaż-Żebbuġ, il-kburija, in-nuqqas ta' ħejm u pretensjonijiet, il-qilla..."[13]

## Vassalli bħala l-Eroj

Sabiex joħroġ il-karatteristiċi erojċi ta' Vassalli, min-narrattiva ta' Sammut, wieħed ma jistax ma jagħtix ħarsa mill-ġdid lejn id-distinzjoni li teżisti bejn l-Istorja u l-finzjoni. Għal snin twal l-għarfien dwar Vassalli twarrab u għal għexieren ta' snin wara mewtu baqa' mistmerr minn bosta Maltin u magħruf magħhom bħala personaġġ sinistru li daħal f'konfoffi kontra l-Gvern waqt li ma' sħabu l-Ġakbini nieda ħidma mnebbħa mix-xitan favur l-ateismu.[14] Vassalli bħala eroj nazzjonali kien magħruf biss mill-ftit studjużi li minn xogħlijietu ntebħu bil-potenzjalitajiet għarfa maħżuna fih.[15] Permezz ta' *Il-Ħolma Maltija* ta' Frans Sammut figuret Vassalli kisbet il-libsa erojka li dejjem kienet mistħoqqa. L-awtur b'ebda mod ma jiggranfa mal-fantasiji tiegħu u jaħrab 'il bogħod mill-Istorja. Logħba bħal din żgur mhix aċċettata minn Sammut. Bis-saħħa ta' l-użu ta' dokumentazzjonijiet flimkien ma' doża ta' stħajjil, Sammut iwaqqa' l-kult negattiv li trabba madwar Vassalli matul is-snin u jagħtih xbiha ġdida ta' patrijott tassew Malti. Il-finzjoni li joħloq hija msejsa fuq ir-realtà. Il-fantasiji mħalltin ma' dak li hu storiku jagħtuna ħjiel ta' qagħdiet veri li m'humiex diffiċli sabiex jitwemmnu mill-qarrej.




*L-Inġiniera idejhom fil-but... u s-Selli kkonfondut*

Huwa fatt meqjus li qarrej li jsir jaf lil Vassalli għall-ewwel darba mir-rumanz, ma jagħrafx, fil-plott tar-rumanz fejn tieqaf l-Istorja u fejn tibda l-fantasija. Dwar dan Il-Professur Oliver Friggieri juri li: "tista' teżisti biss tgħawwiġa tar-realtà li xorta waħda tibqa' reali."[16]

Għalkemm f'*Il-Ħolma Maltija* m'hemmx fantaxjenza, hemm implikazzjonijiet ta' Vassalli bħala eroj. Bil-mod li bih iġib ruħu mal-personaġġi l-oħrajn, sew dawk li huma storiċi, u sew l-oħrajn maħluqin mill-awtur, Vassalli jispikka għall-qlubija b'riżq ir-realizzazzjoni tal-'Ħolma Maltija'. Huwa minnu kif Vassalli, f' *Il-Ħolma Maltija* jispikka bħala dak il- karattru storiku li jagħti impressjoni li f'għemilu qiegħed jitmexxa minn xi entità soprannaturali, moħbija għall-personaġġi l-oħrajn. Tista' tgħid li Vassalli huwa mgħobbi b'missjoni li mhix indirizzata lejn iċ-ċittadini kontemporanji tiegħu, iżda twassal sa dak l-individwu kolt li għadu ġej. Huwa l-istess individwu li b'riħet il-kontribut letterarju ta' Sammut, megħjun mid-dokumentazzjoni storika, se jagħraf tassew min kien Vassalli u r-rieda tajba li kellu għall-ġid tan-Nazzjon. Il-karattru ta' Vassalli li nistgħu nagħrfu mill-Istorja dokumentata jintrifed l-aktar meta Sammut jippreżenta biċċa xogħol li tħaddan fiha l-modi ta' kif Vassalli jidher iġib ruħu fil-ħajja ta' kuljum f'sitwazzjonijiet li saħansitra jqanqlu fih għadd ta' passjonijiet. Ir-rabta kważi filjali li teżisti bejn l-awtur u Vassalli tisseddaq l-aktar meta l-istess Sammut jisħaq kif "Lil Vassalli jien stajt nirrelata miegħu għaliex naf lil Ħaż-Żebbuġ, mhux biss il-lingwaġġ Żebbuġi li jinħass ħaj f'kitbet Vassalli iżda wkoll it-toroq mnejn kien jgħaddi, id-djar li kien jara, il-pitturi li kien jara fil-Knisja ta' San Filep u l-bqija. B'xorti tajba ħafna minn dak li kien jara Vassalli f'ħajtu hu u jitrabba għadek tista' tarah b'għajnejk sa llum."[17] Biss tajjeb li wieħed jinnota kif l-awtur, barra li huwa ntiż fil-binja tal-karatterizzazzjoni tan-nisġa huwa studjuż mill-aktar kompetenti ta' l-Istorja b'mod speċjali ta' dik l-epoka li għex fiha Vassalli.[18] Il-qarrej kolt tal-materjal storiku misjub dwar Vassalli jintebaħ b'liema sengħa huwa mitluq fl-iżvilupp ta' l-istess rumanz. Id-doża kkunsmata timplika bis-sħiħ il-kapaċità artistika f'id l-awtur sabiex tispikka l-importanza ta' dan l-eroj minsi.

Vassalli f' *Il-Ħolma Maltija* huwa mpinġi bħala karattru tipiku li saħansitra jixbaħ lil dak li jidher fir-rumanz storiku tradizzjonali. L-imħabba ta' Vassalli lejn il-poplu Malti[19] ssib għeruqha fil-kitbiet[20] li ħallielna bħala manifest tal-potenzjal ta' din il-gżira ċkejkna, jiġu mżewġa ma' passjonijiet ġodda li jgħaddi minnhom Vassalli waqt għadd ta' laqgħat ma' karattri sekondarji mistħajla mill-awtur. Għal darb'oħra dan isir bi skop. Biex jissodisfa dawn il-bżonnijiet artistiċi, l-awtur ried ifassal sfond li fih Vassalli jsir protagonist tipiku magħruf fin-narrattiva storika-sentimentali. Minħabba f'hekk għandna mħabba li tinbet f'art romantika 'l bogħod mill-għollieq taż-żina li jxekkel il-figura platonika ta' l-imħabba. Tajjeb li ngħid ukoll li Sammut għażel li jagħti bixra neo-klassika lill-protagonista li tixhidlu r-rażan u l-ilġiem klassiku b'oppożizzjoni għall-bixra romantika li feġġet snin wara. F'dan il-kuntest hemm differenza bejn Vassalli u Foscolo li Dun Karm ixebbaħhom fil-leġġenda li dehret f' *L-Oqbra*. Għall-kuntrarju ta' Vassalli, Foscolo ma kellux tingiż tal-kuxjenza lanqas meta tħabbeb ma' mart il-ħabib tiegħu Vincenzo Monti.[21]



***Ara fejn imur jistudja x'se jgħid fuq ir-radju.***

Huwa minnu kif sa tmiem ir-rumanz, Vassalli se jibqa' ggranfat ma' dik l-utopija li ħolom f'żgħożitu. Minkejja li matul it-tbatijiet ħorox li għadda

minnhom tul ħajtu ma sabx ir-realizzazzjoni tagħha, xorta se jibqa' jittama li xi darba l-ħolma tiegħu għad isseħħ. Misjub f'tarf xjuħitu Vassalli bħala karattru jikkonsidra għal darb'oħra "Li xi darba jisbaħ jum ġdid, xort'oħra minn ta' qablu li fih niesi tkun ħielsa, sidt ġo darha u ma tiċċekken quddiem ħadd u ma tfissed u tħajjem lil ħadd għajr lil uliedha."[22] *It-Tislima Aħħarija*[23] li tagħlaq ir-rumanz tiġbor il-ħolm ewlieni tal-protagonista f'ġeneru letterarju vversifikat pre-romantiku. B'riħet dan il-ħolm il-protagonista mexxa l-pjani tiegħu b'karattru erojku. Il-ħolma Maltija twaħħdet ma' Vassalli minn twelidu. Tant hija sabiħa li mhux se jsib serħan qabel jittraduċiha fil-prattika.

[1] Friggieri, O., *Kittieba ta' żmienna* (A.C. Aquilina & Co., 1976), p..275.

[2] Vella Haber, J., *Ir-Rumanz Malti*, Teżi tal-B.A. (Hons.), L-Università ta' Malta, 1969, p.xxxiii.

[3] Mario Azzopardi kiteb: "Illum Malta hija Nazzjon Ħieles; nazzjon li kiseb l-indipendenza tiegħu wara mijiet ta' snin ta' ħakma barranija. Aħna la għandna minjieri tal-faħam u lanqas bjar taż-żejt. Ħafna jqisuha bħala blata tikwi, għarwiena, bil-għatx u sterili. Tassew, in-natura ftit fetħet idejha ma' gżiritna. Iżda Malta hija għanja fil-kultura u kisbet mir-rabtiet li kellha miċ-ċiviltà ewropeja tul il-medda tas-snin. U llum li Malta hi pajjiż ħieles, jixraq li dal-ħelsien isaħħaħ ukoll l-intellettwaliżmu ta' pajjiżna." Azopardi, M., "Assedju Stil 1967", *Il-Polz, Organu tal-Moviment Qawmien Letterarju*, Settembru 1967, Għadd 2, p.1.

[4] Sammut, F., *Il-Gaġġa* (K.K.M., 2003), Is-silta meħuda mid-daħla għall-edizzjoni ta' l-1971, p.IV.

[5] Sammut, F., "Letteratura u Kultura", *Kulħadd*, 14 ta' Jannar 2004, p.14.

[6] Friggieri, O., *L-Istudji Kritiċi Miġbura* (Malta University Services Ltd., 1995), p.585.

[7] Il-protagonist ewlieni fir-rumanz *Il-Gaġġa.*

[8] Il-protagonist ewlieni fir-rumanz *Samuraj.*

[9] Friggieri, O., "Riflessjonijiet fuq Missier l-ilsien Malti", f'Borg, J., *L-edukazzjoni għall-Illuminiżmu f'Vassalli* (L-Għaqda tal-Malti Università, 2004), p.39.

[10] Dwar dan l-istess Sammut juri kif: It-tnejn ta' l-ewwel kienu persunaġġi li qatgħuha li jdabbru rashom minn dil-gżira żgħira qisha ... gaġġa, għax qatgħu qalbhom minnha; tat-tielet għażel li joffri r-rimedji għat-titjib ta' qagħditha. Tagħtix kas il-kuntest kronoloġiku tagħhom. Meta l-kittieb jikteb, huwa dejjem fil-preżent. Għalhekk ngħidu, "Dante jgħid ..." jew "Manzoni jgħid". Għad li dawn it-tnejn ilhom mejtin, malli niftaħ il-kotba tagħhom, ikellmuni dak il-ħin, qishom qed jiktbu issa. Ġ .Theuma, M. *Vassalli f' Il-Ħolma Maltija ta' Frans Sammut*, Teżi tal-B.A (Hons), Università ta' Malta, 2006, p.100.ħ

[11] Sammut, F., *Il-Ħolma Maltija* (SKS 1994), p.148

[12] Ellul Vincenti, N., "Vassalli's Maltese dream", *The Times*, 11 ta' Mejju 1994, p.20.

[13] Theuma, M. *Vassalli f' Il-Ħolma Maltija ta' Frans Sammut*, Teżi tal-B.A (Hons), Università ta' Malta, 2006, p.100.

[14] Din ma' hi xejn ħlief kritika moħfija mħeġġa minn aljenazzjoni li tpoġġa fiha l-popolin Malti.

[15] Imqar Dun Mikiel Xerri li kien anti-Rivoluzzjonarju konvint kellu l-kotba ta' Vassalli – "Il-librerija ta' Dun Mikiel Xerri u l-kotba li kellu Guglielmo Lorenzi" fi Noel D'Anastas, *Festa 2005, Każin Banda San Filep, p.130.*

[16] Friggieri, O., *L-idea tal-letteratura* (Bugelli Malta, 1986), p.16.

[17] Theuma, M. *Vassalli f' Il-Ħolma Maltija ta' Frans Sammut*, Teżi tal-B.A (Hons), Università ta' Malta, 2006, p.100.

[18] Cf. Sammut, F., *Ir-rivoluzzjoni Franċiża, il-ġrajja u t-tifsira* (S.K.S., 1989) u Sammut, F., *Bonaparti f'Malta* (S.K.S., 1997)

[19] Hija dik l-imħabba li wieħed jista' jixtarr f'kitbiet bħal ma huma l-Lexicon fejn il-kwalità ta' mħabba misjuba fih tixxiebaħ ma' dik li tagħti omm lil uliedha.

[20] Vassalli,. M.A., *Ktieb byl Kliem 'mfysser byl-Latin u byt-Talyân sive…Lexicon Melitense-Latino-Italum* (Rome, 1796), *Discorso Preliminare*, p.XIV

[21] Gori, P., *U. Foscolo, Opere Poetiche* (Gherardo Casini Editore, 1991), p.XXXVI

[22] Sammut, F., *Il-Ħolma Maltija* (S.K.S., 1994), p.376

[23] ibid., p.385-387.